**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 29 ta` Settembru 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**(Spettur Andy Rotin)**

**Vs**

**NEIL ZAMMIT**

**ETIENNE BUTTIGIEG**

**EMMAN-NEIL GALDES**

**KYLE MICALLEF**

**OWDEN CARUANA SMITH**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**NEIL ZAMMIT**, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. **347297M**;

**ETIENNE BUTTIGIEG**, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. **247296M**;

**EMMAN-NEIL GALDES**, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. **422497M**;

**KYLE MICALLEF**, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. **283102L**;

**OWDEN CARUANA SMITH**, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. **282503L**;

Fejn gew akkuzati talli nhar it-3 ta' Settembru, 2022, ghall-habta tas-1a.m., u/jew fil-jiem u/jew fil-gimghat ta' qabel, f'Malta, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. nhar it-3 ta' Settembru, 2022, ghall-habta tas-1a.m., u/jew fil-jiem u/jew gimghat ta' qabel, mill-Newport Bonded Stores, Il-Moll tal-Pont, Marsa, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom, u kieku sehhet, kienet tkun serqa aggravata bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok, ghad-dannu tad-Dwana ta' Malta u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kif indikati fl-akkuza precedenti (akkuza numru 1), b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmija fis-sub-titolu IV tat-titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' f'bieb ta'

mahzen, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin Euro (€250) ghad-dannu ta’ John Cutajar w/jew ta’ xi persuna/i ohra w/jew ta’ xi entita’ jew entitajiet ohra;

**Lill-Neil Zammit, Etienne Buttigieg u Emman-Neil Galdes flimkien:**

3. akkuzawhom ukoll talli irrendew irwiehom recidivi ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u, fil-kaz ta’ Neil Zammit u Etienne Buttigieg biss, ai termini wkoll ta’ l-Artiklu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati fl-udjenza ta’ l-4 ta’ Settembru 2022 ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghhom u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kienu inghataw iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidraw tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputati ddikjaraw li kellhom bizzejjed zmien biex jergaw jirrikonsidraw u li fehmu sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u li fehmu wkoll li l-ammissjoni taghhom, kif fehmithom din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena/sanzjoni.

Qieset li nvista ta’ din d-dikjarzzjoni ta’ l-imputati, l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li ma kellhomx iktar provi x’jipproducu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni taghhom

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis is-segwenti:

l-ammissjoni bikrija tal-imputati, anki jekk dawn inqabdu fil-fatt;

il-fedina penali ta` kull wiehed mill-imputati (Kyle Micallef u Owden Caruana Smith ghandhom fedina penali nettissima, mhux mittiefsa; Eman Neil Galdes ghandu fedina penali mittiefsa; Etienne Buttigieg ghandu fedina penali mittiefsa sew u xejn felici; Neil Zammit ghandu fedina penali, mhux biss mittiefsa sew u xejn felici, izda il-kontenut taghha qed jindika persuna li ma tghallem xejn mill-passat, gie li injora kompletament il-varji beneficcji li gia tawh dawn il-Qrati, u hija tali li l-piena applikabbli trid, ragonevolment u legalment, fil-fehema ta` din il-Qorti, tkun wahda ta` karcerazzjoni effettiva),

in-natura serja ta` l-imputazzjonijiet imressqa;

l-etajiet rispettivi ta` l-imputati;

il-fatt mhux ta` ftit importanza illi lkoll inqabdu fil-fatt fil-post imsemmi u kien ghalhekk li r-reat tas-serq ma giex ikkunsmat;

ic-cirkostanzi socjali (inkluz ir-rabtiet, impjiegi, familji) ta` kull wiehed minnhom;

l-interess tas-socjeta` in generali li tistenna, fost affarijiet ohra, li tkun protetta sew mill-awtoritajiet kontra l-kriminalita`;

il-principji tal-gustizzja u ta` l-ekwita`;

ilkoll fatturi dawn li ser jigu riflessi fis-sanzjonijiet li ser timponi din il-Qorti fil-konfront ta` kull wiehed mill-imputati.

Il-Qorti hasbet fit-tul.

**KONKLUZJONI.**

GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 18, 31, 41(1)(A); 49; 50; 261; 262(1)(B); 263(A(B)); 264(1); 265; 266(1); 267; 269(D); 270; 278(1); 279(B); 280(2); 281(B); 289; U 325(1)(A) TAL-KAP. 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, ISSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTATI HATJA, FUQ AMMISSJONI TAGHHOM STESS, TA` L-IMPUTAZZJONIJET KOLLHA KIF DEDOTTI KONTRA TAGHHOM, U BL-ADDEBITU TAR-RECIDIVA SKOND DAK MIGJUB FL-IMPUTAZZJONI FIR-RIGWARD TA` NEIL ZAMMIT, ETIENNE BUTTIGIEG U EMMAN-NEIL GALDES; U, GHAL DAK LI JIRRIGWARDA S-SANZJONI APPLIKABBLI, TIDDISPONI MINN DAN LI STADJU BIL-MOD SEGWENTI :

1. Lil **Owden Caruana Smith, Kyle Micallef u Emman Neil Galdes,** minflok piena, qed tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien

tlett snin millum u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil **Owden Caruana Smith, Kyle Micallef u Emman Neil Galdes, fi kliem car u li jintfiehem, i**l-konsegwenzi jekk huma jiksru din l-Ordni mposta.

2. Fil-konfront ta' **Etienne Buttigieg,** tordna li, ai termini ta' Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin millum bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' probation u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' probation, tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Etienne Buttigieg.

3. Tikkundanna lil **Neil Zammit (hati bhala recidiv skond l-Artikoli 49, 50 u 289)** ghall-piena komplessiva ta` sentejn (2yrs) prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur